# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* | SETTEMBRU 1942

## EŻAMIJIET

DAN l-aħħar ħadna sehem bħala Eżaminaturi f'wieħed mill-ogħla eżamijiet tal-Gżira u sogħbiena mhux ftit għal għadd kbir ta' studenti li weħlu f'dak l-eżami. Billi aħna konna Eżaminaturi tal-Malti nitkellmu fuq dan is-suġġett.

Il-karti ta' l-eżami ma kinux tqal iżda ħafna studenti weħlu. X'kienet il-ħtija? Tassew li ż-żminijiet mwiegħra li għaddejjin minnhom ifixklu ħafna l-istudenti u jtellfuhom mhux ftit mill-ġabra li tinħtiġilhom għall-eżami, iżda l-ħtija bosta drabi għandna nfittxuha fl-istudenti nfushom u wkoll f'dawk li jgħallmuhom.

L-ISTUDENTI ħafna drabi jersqu għall-eżami bla thejjija ta' xejn, huma ma jiqisux li biex tgħaddi mill-eżami trid tkun imhejji għalih. Tisma' x'uħud igħidulek: "Jiena nersaq għall-eżami, jekk ngħaddi tajjeb, jekk ma ngħaddix ma jkun ġara xejn!" Min jersaq għall-eżami b'din il-fehma f'moħħu jista' jgħodd ruħu li jeħel żgur għax din il-fehma traqqadlu kull ħeġġa biex iħabrek ħalli jgħaddi. Issib studenti oħra li jgħoddu l-Malti bħala wieħed mis-suġġetti ta' ħtieġa żgħira u jistudjawh biss biex igħaddu minnu; dawn ikollhom f'moħħom li jitgħallmu fuq fuq xi erba' reguli tal-Grammatika biex jinqdew bihom biss sakemm igħaddu mill-eżami u ma jfittxu xejn li dak li jitgħallmu

jibqa' jiswielhom għal ħajjithom kollha. Min jistudja l-Malti biex jiżloq minnu biss aktarx li ma jgħaddix mill-eżami għax ma jħossx dik il-ħrara li ġġagħlu jikseb tagħrif sewwa fuq ilsienna. Hemm ħafna studenti oħra li neqsin wisq mill-qari tal-Malti; malli taqra l-komponimenti tagħhom malajr tagħraf li huma qatt ma fetħu ktieb bil-Malti; dawn jiġrilhom bħal dak l-imgħallem li jrid jagħmel biċċa xogħol bla ma jkollu mudell tagħha; toħroġlu ħmerija bħal ma toħroġ taċ-ċajt kull kitba bil-Malti ta' studenti li qatt ma qraw kotba bil-Malti.

Is-SURMASTRIJIET wkoll xi drabi jaħtu. Ħafna minnhom ma għandhomx ħjiel sewwa tal-Malti. Xi Surmastrijiet qatt ma studjaw il-Malti kif imiss, dak li jafu fuq dan l-ilsien tgħallmuh fuq fuq u bla ħajra ta' xejn, issib Surmastrijiet oħra li ma nafux għaliex ma jagħtux dik l-impurtanza meħtieġa għall-istudju ta' ilsienna, tarahom iwarrbuh u jħalluh għal wara suġġetti oħra qisu ħaġa ta' bla siwi bla ma jġibu quddiem moħħhom li l-istudenti biex jibdew il-kors jeħtiġilhom igħaddu mill-Malti daqs kemm iridu jgħaddu minn suġġetti oħra. Studenti mmexxijin minn Surmastrijiet bħal dawn x'tistenna minnhom? Tistenna li jeħlu! Min jindaħal biex igħallem il-Malti jeħtieġ li jkollu ħjiel tajjeb tal-Grammatika, jeħtieġlu jkun imħarreġ fil-Letteratura Maltija kif wkoll jiswielu li jkollu xi tagħrif dwar il-Filoloġija ta' ilsienna. Is-surmastrijiet imisshom jifmuha li ma jindaħlux biex ihejju f'suġġetti li ma jinqalgħux għalihom; jekk jagħmlu hekk ikunu qegħdin igħalltu l-istudenti u ħafna drabi wkoll jistgħu jitilfulhom il-karriera tagħhom.